MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 18/2001/1

Salvu Attard .

vs

Angelo Zarb .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm433) rapprezentanti bilanc dovut minnu mill-prezz ta' vettura mixtrija minnu minghand l-attur .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 18 ta' Marzu, 2000 u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Marzu 2000 u bl-imghaxijiet legali minn Marzu 2000 sad-data tal-hlas relattiv .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi :

1. Il-bilanc pretiz m'ghadux dovut u dan peress illi kien gia ddekorra t-terminu tal-preskrizzjoni skond il-ligi meta saret it-talba u ghaldaqstant din it-talba hija preskritta ;

2. In oltre, il-vettura mibjugha ma kenitx tal-kwalita' patwita u kellha difett serju u mohbi ;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke li kieku z-zewg eccezzjonijiet hawn fuq imsemmija kellhom ikunu michuda, l-bilanc tal-prezz pretiz mill-attur m'ghadux dovut u dan peress illi saret tpacija bejn il-bilanc tal-prezz u tiswijiet li saru fuq il-vettura tal-konvenut u dan bil-kunsens tal-attur li kien accetta li jhallas l-ispejjez .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavit u dokumenti ohra esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob minghand il-konvenut il-bilanc ta' prezz ta' vettura lilu mibjugha .

Fl-ewwel lok il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni . A tenur ta' l-artikolu 2148 il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' tmintax (18) il-xahar . Skond id-dokumenti esebiti jidher illi l-bejgh sar fit-8 ta' Lulju 1996[1] . Sar pagament akkont ta' Lm400 u kien baqa' bilanc ta' Lm1500 li kellu jithallas ratejalment . Sar pagament iehor ta' Lm600 fit-18 ta' Lulju 1996[2]. Gie miftiehem ukoll illi jithallsu imghaxijiet fuq il-bilanc dovut mid-data tal-bejgh bir-rata ta' disa' fil-

---

[1] Dok. A a fol. 9 tal-process .
[2] Dok. B a fol. 10 .

mija (9%)[3] . Saru xi pagamenti ohra[4], bl-ahhar pagament ta' Lm350 isir fis-6 ta' Settembru 1999 . Il-kawza prezenti giet intavolata fid-29 ta' Marzu 2001 . Fin-nuqqas ta' prova ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni da parti ta' l-attur, jidher ghalhekk *prima facie* illi l-azzjoni hija preskritta . Gara pero' illi waqt id-depozizzjoni tieghu, l-konvenut ammetta illi permezz ta' ittra ufficcjali tas-17 ta' April 2000, huwa kien offra li jhallas lill-attur Lm127 ghas-saldu tal-bilanc dovut[5] . Din l-ittra wisq probabbli saret in risposta ghal dik li l-attur jghid fl-avviz prezenti li baghtlu fix-xahar ta' qabel . Jigi ghalhekk illi huwa stess interrompa din il-preskrizzjoni bir-rikonoxximent tieghu li kien ghad baqaghlu jaghti xi bilanc mill-ammont dovut lill-attur . Din l-ewwel eccezzjoni qed tigi ghalhekk respinta .

Fit-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut jikkontendi illi l-vettura mibjugha ma kienitx tal-kwalita' pattwita u kellha difett serju u mohbi . Imma jekk tassew dan kien minnu ma kellux joqghod jistenna li jghaddu kwazi hames snin sabiex igib dawn l-ilmenti a konoxxenza ta' l-attur, anzi joqghod jaghmel diversi pagamenti, minghajr ma qatt isemmi ma' l-attur x'kienu dawn id-difetti . Ghall-kuntrarju jekk ried jirrexxindi l-bejgh jew jitlob riduzzjoni fil-prezz minhabba l-allegati difetti mohbija, kellu jipprocedi hu kontra l-attur fiz-zmien stipulat mil-ligi[6] u mhux jibqa' jistenna sakemm ifittxu l-attur qabel ma jressaq l-ilmenti tieghu . Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll ghalhekk michuda .

Fit-tielet eccezzjoni l-konvenut jeccepixxi t-tpacija, u cioe' li l-ispejjez li kellu jaghmel biex jirrimedja ghad-difetti li sab fil-vettura gew pacuti mal-bilanc dovut bil-kunsens ta' l-attur . Imma l-unika tpacija li tassew irrizulta li kien hemm kienet l-ahhar pagament ta' Lm350 li gew pacuti ma' xoghol ta' l-injam li l-konvenut hadem ghall-attur . Ma giex ippruvat illi l-attur qatt ammetta mal-konvenut illi kien ser jahfirlu xi haga mill-prezz minhabba l-hsarat allegatament misjuba fil-vettura mibjugha . Ghahekk gialadarba ma ngiebet ebda prova skond il-ligi li l-attur qatt ammetta mal-

---

[3] ara l-istess Dok. B .
[4] ara dokti. C u D .
[5] ara xhieda konvenut tat-18.6.2002 a fol. 25 .
[6] art. 1431 kap. 16

konvenut li hu wkoll kien debitur fil-konfront tieghu ma setghetx issir din it-tpacija[7] . Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll ghalhekk michuda .

Fl-avviz prezenti l-attur qed jitlob is-somma ta' Lm433 rapprezentanti l-bilanc dovut lilu sa dakinhar . Mir-rendikont "Dok. F" anness ma' l-affidavit ta' l-attur, jidher illi sa l-ahhar ta' Frar 2002 kien ghad baqa' bejn kapital u interessi (bir-rata ta' tmienja fil-mija permessi mil-ligi u mhux bid-disa' fil-mija kif originarjament stipulat) total ta' : Lm421.49 . Id-differenza murija fl-Avviz hija naturalment l-imghax ghal xahar sa meta giet intavolata l-kawza . Dan l-ammont, meta komparat mad-dokumenti dwar pagamenti maghmula,[8] jidher gustifikat u ghalhekk ripetibbli .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonjiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija tlieta u tletin lira maltija (Lm433) rapprezentanti bilanc dovut minnu mill-prezz ta' vettura mixtrija minghand l-attur .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja datata t-18 ta' Marzu 2000 u ta' l-ittra ufficcjali ta' Marzu 2000 u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut .

S1801Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] art. 1196 kap. 16
[8] ara dokti A sa E a fol. 9 - 13 .